*Ftuħ tar-Reġistru għall-Preżentata ta' Ittra Uffiċjali*
*ai fini tal-artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili*

# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Diċembru, 2019**

**Numru**

**Rikors Numru 1191/18TA**

**Clayton Charles Schembri detentur karta ta' l-identita' numru 224591(M) flimkien ma' Gabriella Mifsud detentrici karta tal-identita' numru 519194 (M)**

**vs**

**Toncam Properties Ltd. [C20016]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-Atturi tad-29 ta' Novembru 2018 maħluf minn Clayton Charles Schembri fl-istess jum li permezz tiegħu ppremettew u talbu s-segwenti:

"1) Illi r-rikorrenti daħlu f'konvenju datat l-erbatax (14) ta' Diċembru, tas-sena elfejn u sittax (2016), mas-soċjeta' intimata, u dan sabiex jixtru u jakkwistaw mingħandha l-fond konsistenti f'*maisonette* internament immarkat bin-numru 702 fuq il-livell *ground floor* formanti parti minn blokka appartamenti u *maisonette* fi stat ta' kostruzzjoni, bl-isem 'The Oaks Block '700', aċċessibbli minn Triq ir-Ramija, u konfinanti, minn

l-erbgħa (4) irjieħat ma' proprjeta tas-soċjeta' intimata stess, u suġġett għal ċens annwu u perpetwu ta' mija u sitt ewro (€106);

2) Illi dan il-bejgħ kellu jsir versu l-prezz ta' mija u sebgħin elf ewro (€170,000);

3) Illi fil-mori, iġifieri fil-perjodu bejn id-data tal-iffirmar tal-konvenju u d-data tal-att finali, kellhom isiru xi emendi fil-pjanti, sabiex il-bini jkun konformi mal-liġijiet, u għal dan il-għan, is-soċjeta' intimata għamlet applikazzjoni mal-MEPA, liema applikazzjoni ġġib in-numru PA 8289/17;

4) Illi s-soċjeta' intimata obbligat ruħha li kellha tlesti x-xogħlijiet fuq l-istess fond, bil-permessi relattivi kif emendati, sa Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017), u għal dan il-għan, il-kontendenti qablu illi l-kuntratt finali kellu jsir sa mhux aktar tard mill-wieħed u tletin (31) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sbatax (2017);

5) Illi pero, dan il-konvenju ġie sussegwentement mġedded għal diversi drabi, u dan **<u>DEJJEM</u>** għal l-istess raġunijiet u ċioe, minħabba illi s-soċjeta' intimata ma tkunx tista' tersaq għal kuntratt finali, fosthom għax ix-xogħol fil-kostruzzjoni ma jkunux għadu lest, u wkoll għax il-permess mal-MEPA jkun għadu pendenti; u dan kif se jirriżulta aħjar mill-provi prodotti waqt is-smiegħ tal-istanti;

6) Illi minħabba d-diversi estenzjonijet li saru, tort unikament tas-soċjeta' intimata, r-rikorrenti kellhom jinkorru spejjeż ulterjuri;

7) Illi l-aħħar estenzjoni li saret permezz ta' ftehim datat it-tletin (30) ta' Awissu tas-sena elfejn u tmintax (2018), kellha terġa' ssir proprju peress illi l-permessi mal-MEPA kien għadhom pendenti u għalhekk mhux approvati;

8) Illi ai termini ta' din l-aħħar estenzjoni, il-partijiet kontendenti kienu qablu u ftehmu illi l-konvenju kellu jibqa' validu u viġenti sat-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena kurrenti elfejn u tmintax (2018);

9) Illi fil-mori ta' din l-aħħar estenzjoni, il-Perit tar-rikorrenti, Marvin Ellul, aċċeda fuq is-sit, u informa lir-rikorrenti illi l-bini ma kienx kollu konformi mal-pjanti approvati u għalhekk wara diversi komunikazzjonijiet bejn il-periti, l-Perit tas-soċjeta' intimata stess Silvienne Camilleri qablet li għandu jsir applikazzjoni għal permess ta' *minor amendment*; u fil-fatt hekk sar;

10) Illi pero' minkejja l-obbligu li s-soċjeta' intimata daħlet fih, u ċioe li jkollha l-permessi kollha *in order* minn l-aktar fis possibbli, sabiex ikun jista' jiġi ffirmat il-kuntratt finali, kien biss fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ottubru ta-sena kurrenti, elfejn u tmintax (2018) illi l-istess soċjeta' ottjeniet il-permess għal *minor amendment*;

11) Illi r-rikorrenti għamlu dak kollu neċessarju mal-Bank of Valletta, sabiex ikunu jistgħu jiffirmaw il-kuntratt finali minn l-aktar fiss u fil-fatt huma irnexxilhom jottjenu appuntament mal-bank, għall-iffirmar tal-kuntratt finali, għat-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena kurrenti elfejn u tmintax (2018);

12) Illi peress illi dan l-appuntament li huma ingħataw mill-Bank kien wara d-data tal-iskadenza tal-konvenju, n-Nutar Anton Borg, li kellu jippubblika l-att finali, esiġa illi r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata Adelbert Camilleri, kellu jiffirma estenzjoni tal-konvenju;

13) Illi pero' huwa rrifjuta illi jagħmel dan u esiga illi ma huwa se jiffirma l-ebda estenzjoni U DAN MINKEJJA L-FATT ILLI D-DEWMIEN KIEN BISS TORT TAGĦHOM;

14) Illi għalhekk ir-rikorrenti intavolaw ittra uffiċjali datata t-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018), fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti (ittra enumerata 3864/18), permezz ta' liema huma interpellaw lis-soċjeta' intimata sabiex taddivjeni għall-kuntratt finali;

15) Illi minkejja li saret din l-ittra uffiċjali, u l-konvenju għalhekk iġġedded, is-soċjeta' intimata baqgħet tirrifjuta li tersaq għall-iffirmar tal-kuntratt finali;

16) <u>Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża</u>;

<u>Għaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment li din l-Onorabbli Qorti joġgħobha</u>:

i. Tordna lis-soċjeta' intimata tersaq għall-att finali ta' bejgħ, u dan wara l-konvenju datat l-erbatax (14) ta' Diċembru tas-sens elfejn u sittax (2016), kif sussegwentement estiż, rigwardanti l-fond ossia il-fond ossia *maisonette* internament immarkat bin-numru 702 fuq il-livell *ground floor* formanti parti minn blokka appartamenti u *maisonette* fi stat ta' kostruzzjoni, bl-isem 'The Oaks Block '700', aċċessibbli minn Triq ir-Ramija, u minn triq ġdida li għadha qed tiġi ffurmata li tiżbokka fi Triq Ramija, ġewwa s-Siġġiewi, u konfinanti, minn l-erbgħa (4) irjieħat ma' proprjeta tas-soċjeta' intimata stess, u suġġett għal ċens annwu u perpetwu ta' mija u sitt ewro (€106);

ii. Tinnomina nutar pubbliku biex jirċievi l-att relattiv;

iii. Tinnomina kuraturi biex jirrappresentaw lis-soċjeta' intimata fuq l-att finali fl-eventwali kontumaċja ta' l-istess intimata;

iv. F'każ li l-istess soċjeta' konvenuta ma tkunx tista' twettaq l-obbligazzjonijiet kollha assunti minnha fl-imsemmi konvenju datata l-erbatax (14) ta' Diċembru ta-sena elfejn u sittax (2016), kif sussewentement estiż, **tiddikjara** illi r-rikorrenti soffrew danni li għalihom hija unikament responsabbli l-istess soċjeta' intimata u

b'hekk tillikwida dawk id-danni hekk sofferenti mir-rikorrenti *occorrendo* bl-opera ta' periti nominandi;

v. Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrenti dawk id-danni hekk likwidati;

vi. Tiddikjara ulterjorment, illi s-soċjeta' intimata hija responsabbli għad-dewmien fil-proċess minħabba l-estenzjonijiet numrużi tal-konvenju, u b'hekk tiddikjara li b'konsegwenza ta' dan ir-rikorrenti soffrew danni;

vii. Tillikwida dawn id-danni hekk sofferti mir-rikorrenti *occorendo* bl-opera ta' periti nominandi u

viii. Tikkundanna lill-intimati jħallsu d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż u l-intimata inġunta in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Toncam Properties Ltd tal-31 ta' Jannar 2019 maħlufa minn Anton Camilleri fl-istess jum li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

"1. Illi preliminarjament, l-ittra uffiċjali preżentata mill-atturi, annessa bħala Dok 'A' mar-Rikors Ġuramentat saret *fuori termini* u għalhekk il-konvenju *de quo* tilef l-effetti tiegħu u ma jistax jiġi eżegwit u wisq inqas jista' jagħti lok għal xi danni.

Senjatament, kif jirriżulta mir-Rikors Ġuramentat innifsu, il-konvenju *de quo* kien jagħlaq fit-30 ta' Ottubru 2018. L-ittra uffiċjali in kwistjoni, għalkemm hija datata 30 ta' Ottubru 2018, ġiet preżentata wara l-għeluq tar-Reġistru kif jirriżulta mit-timbru tal-preżentata li jindika d-data tal-31 ta' Ottubru 2018 u kif jirriżulta mill-anness Rikors għall-ftuħ tar-Reġistru wara l-ħinijiet legali li l-atturi ppreżentaw flimkien mal-istess ittra uffiċjali (anness Dok. 'AC1'). Għalhekk, l-ittra uffiċjali in kwistjoni saret *fuori termine* għall-finijiet tal-Artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili, ossia meta l-konvenju *de quo* kien diġa' skada u kien tilef l-effetti tiegħu u l-partijiet treġġgħu fl-istes *quo ante* għall-istess konvenju.

2. Ili fi kwalsijasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, kif jirriżulta mir-Rikors Ġuramentat innifsu, l-atturi ma kienux f'pożizzjoni li jersqu għall-kuntratt ta' trasferiment entro t-terminu tal-konvenju *de quo* billi ma kienx ser ikollhom a dispożizzjoni tagħhom il-finanzjament meħtieġ. Is-soċjeta' esponenti ma kellha l-ebda obbligu li ġġedded il-konvenju ulterjorment wara t-30 ta' Ottubru, 2018, għalhekk, jiġi sottomess bir-rispett illi l-atturi ma jistgħux jirrikorru għall-proċedura

kontemplata fl-Artikolu 1357 tal-Kodiċi Ċivili meta kienu huma stess li ma kienux f'pożizzjoni li jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' trasferiment entro t-terminu tal-konvenju *de quo*.

3. Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, is-soċjeta' esponenti ma kkaġunat l-ebda danni lill-atturi.

4. Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-*quantum* ta' kwalsiasi eventwali danni għandu jiġi provat stante li qiegħed jiġi kontestat.

5. Illi fi kwalsiasi każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat il-verbal tad-19 ta' Frar 2019 fejn il-partijiet qablu illi għandha tiġi trattata b'mod preliminari l-eċċezzjoni numru wieħed tas-Soċjeta' Konvenuta b'dana li ai fini ta' trattazzjoni ta' din l-eċċezzjoni ġew invertiti l-provi;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-kawża;

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Qrat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat li l-Kawża tħalliet għas-Sentenza għall-lum fuq l-ewwel eċċezzjoni tas-Soċjeta' Konvenuta .

**Punti ta' fatti**

**1.** Fis-sempliċita' tagħha l-ewwel eċċezzjoni tas-Soċjeta' Konvenuta hija fis-sens li " *l-ittra uffiċjali saret fuori termine u għalhekk il-konvenju de*

*quo tilef l-effetti tiegħu u ma jistax jiġi eżegwit u wisq anqas jista' jagħti lok għal xi danni."* ( ara eċċezzjoni numru wieħed a' fol 23).

**2.** Il-partijiet jaqblu li l-konvenju mertu ta' dawn il-proċeduri għalaq fit-30 ta' Ottubru 2018. L-ittra uffiċjali li ntbagħtet ai fini tal-artikolu 1357 (2) tal-Kodiċi Ċivili u datata 30 ta' Ottubru 2018 ġiet presentata wara li kien għalaq ir-Reġistru. Sar rikors mill-Atturi għall-ftuħ tal-istess Reġistru wara l-ħinijiet legali u ġie milqugħ mill-Qorti (ara dokument a' fol 41). Konsegwentement ġiet presentata l-ittra uffiċjali inkwistjoni.

**3.** Fid-dawl ta' dawn il-fatti, is-Soċjeta' Konvenuta qegħdha tikkontesta l-validita' tal-ittra uffiċjali nkwistjoni peress li din ġiet presentata wara l-għeluq tar-Reġistru u kwindi *fuori termine* ai fini tal-artikolu 1357(2) tal-Kodiċi Ċivili.

**Punti ta' Liġi**

**4.** Għal skopijiet tal-eċċezzjoni in eżami, il-kwistjoni trid tiġi deċiża fid-dawl ta' dak li jipprovdu l-artikoli 103, 104 u 109 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta. Tistax din l-ittra uffiċjali tkun meqjusa bħala valida fil-liġi ai fini u effetti tal-artikolu 1357(2) tal-Kodiċi Ċivili minkejja li ġiet presentata fir-Reġistru wara l-ħinijiet normali.

**Konsiderazzjonijiet**

**5.** Il-punt li għandha quddiemha din il-Qorti ġie trattat kemm-il darba minn dawn il-Qrati. Fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet Ian Schembri et -vs- Shiela Caruana tal-11 ta' Diċembru 2006** il-Qorti qablet mar-raġunament tal-ewwel Qorti:

*"Iż-żminijiet iffissati għall-eserċizzju tad-dritt tal-appell huma perentorji u għalhekk il-Qorti ma tistax tissospendihom jew iġġeddidhom u per konsegwenzia għalkemm din il-Qorti ippermettiet illi jinfetaħ ir-reġistru wara l-ħin tal-egħluq, b'daqshekk ma kienitx qed iġġedded it-terminu perentorju li l-appellanti kienet iddekadiet minnu. (Ara 106, Kap 12).*

*Illi għalhekk jidher li t-tendenza tal-Qorti hija t-termini jagħlqu dejjem fil-ħin tal-egħluq tar-reġistru. Dan hu kkonfermat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **"Pulizija vs Anthony Caruana"** deċiża fit-30 ta' April 1997 fejn intqal*;

*Meta l-liġi tistabilixxi terminu li fih għandhu jiġi preżentat xi att, dak it-terminu jagħlaq fil-ġurnata stabbilita fil-ħin tal-egħluq tar-reġistru. Il-proċedura tal-ftuħ tar-reġistru mhiex intiża biex min ikun skadielu terminu għal xi att partikolari jestendi awtomatikament dak it-terminu b'terminu ieħor imma hija intiża biss biex f'każijiet ta' urġenza li jkunu jirrikjedu azzjoni tempestiva da parti tal-Qorti tali azzjoni tkun tista' tittieħed.*

*Illi għalhekk għalkemm wieħed japprezza illi għandu jkun hemm distinzjoni bejn terminu għal appell u terminu għal presentata ta' ittra*

*uffiċjali skond l-artiklu 1357 fuq imsemmi, in linea di massima jidher li l-Qrati tagħna tendew għall-interpretazzjoni imsemmija u għalhekk il-Qorti tħoss li għandha taqbel magħha.*"

**6.** Mill-banda l-oħra f'digriet motivat **tal-Prim' Awla Qorti Ċivili fl-ismijiet Emilio Persiano -vs- Il-Kummissarju tal-Pulizija tal-1 ta' Novembru 2000 per Imħallef Joseph R. Micallef** dwar il-punt in eżami intqal hekk:

*"Illi l-Qorti tifhem li t-twettieq ta' termini legali u ġudizzjarji fis-sistema proċedurali huwa intiż biex jirregola l-eserċizzju ta' jedd u ma jħallix lil min jagħmel abbuż minnu bi ħsara tal-parti l-oħra: tali twettieq huwa ta' ordni pubbliku u għalhekk għandu jiġi mifhum u mħares b'mod rigoruż. Kif ingħad f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Spiteri vs Azzopardi [Kollez XVIII.i.18], "…trattandosi di leggi di procedura che hanno per oggetto l'ordine pubblico mediante un convenzionalismo di forma, non si deve ragionevolmente ammettere altra interpretazione che la letterale, nel senso che ove la legge per produrre certi effetti prescrive una certa forma, questa si debba osservare alla lettera e non 'per equipollens';*

*Illi l-kwestjoni dwar jekk atti ġudizzjarji ppresentati fl-aħħar jum preskritt mil-liġi, imma wara l-ħin tal-għeluq tar-reġistru, għandhomx jitqiesu bħala ppresentati fil-ħin ġiet investigata u trattata mill-Qrati tagħna. Fil-kawża maqtugħa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru, 1996, fil-*

*kawża fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Ricket [Kollez LXXX.iv.321] dik il-Qorti, fuq is-saħħa ta' deċiżjoni oħra preċedenti, qalet li "meta l-liġi tistabilixxi terminu li fih għandu jiġi presentat xi att – f'dan il-każ rikors ta' appell – dak it-terminu jagħlaq fil-ġurnata stabilita, fil-ħin tal-għeluq tar-reġistru. Il-proċedura tal-ftuħ tar-reġistru mhix intiża biex min ikun skadielu t-terminu għall-presentata ta' xi att partikolari jestendi awtomatikament dak it-terminu b'terminu ieħor, imma hija intiża biss biex f'każijiet ta' urġenza li jkunu jirrikjedu azzjoni tempestiva da parti tal-Qorti, tali azzjoni tkun tista' tittieħed. Kif ingħad f'dik is-sentenza, "huwa assurd li wieħed jippretendi li din il-proċedura tista' tintuża ukoll biex jiġi ravvivat dak it-terminu li jkun diġa' skada";*

*Illi bis-saħħa tal-artikolu 520 (1) (d) tal-Kap 9, id-disposizzjonijiet tal-Kap 12 relativi għat-termini u qies ta' żmien għandhom jgħoddu ukoll għall-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali;*

*Illi, min-naħa l-oħra, il-ħinijiet tal-ftuħ tar-reġistru huma regolati u dettati minn ħtiġijiet amministrattivi, u mhux essenzjalment minn xi preċett oġġettiv li, min-natura tiegħu, ma jinbidilx. Kemm hu hekk, id-differenza bejn il-ħinijiet ta' ftuħ u gheluq tar-reġistri tal-Qorti matul is-sena tissieheb mal-arranġamenti esistenti għall-ħinijiet tax-xogħol tal-impiegati fis-servizz ċivili. Fil-każ partikolari, fil-jum li ġiet ippresentata ċ-Ċitazzjoni, jiġifieri fil-31 t'Awissu, kien fis-seħħ l-orarju tas-sajf u r-reġistru għalaq f'nofsinhar. Iċ-ċitazzjoni ġiet ippresentata effettivament fil-31 t'Awissu, wara nofsinhar,*

*u ċioe' matul l-aħħar jum utli għall-attur. L-istorja kienet tkun kompletament differenti kieku l-att ġie ppresentat l-għada;*

*Illi l-uniku provvediment tal-liġi li jorbot it-termini ta' żmien ma' għeluq tar-reġistru tal-qorti huwa l-artikolu 104 li jispeċifika li, fejn m'hemmx provdut mod ieħor fil-liġi, iż-żmien ta' erbgħa u għoxrin siegħa jagħlaq mal-ħin tal-għeluq tar-reġistru tal-għada. L-artikolu 875 tal-Kap 12 ma jikkwalifikax il-kelma "jum" b'mod differenti mit-tifsira mogħtija fl-artikolu 103 li ma jagħmel l-ebda dikjarazzjoni fis-sens li "jum" jitqies mitmum mal-ħin tal-għeluq tar-reġistru. Huwa għalhekk li din il-Qorti ma tħossx li tista' taqbel mal-premessa magħmula fis-sentenza appena msemmija li fil-ħin tal-għeluq tar-reġistru ikun intemm ukoll il-jum għall-effettiva presentata tal-att ġudizzjarju;*

*Illi, minbarra dan, li kieku l-ftuħ mill-ġdid tar-reġistru wara l-ħin tal-għeluq għall-presentata tal-atti ma kellux effett li l-atti hekk preżentati jitqies li ddaħħlu dak inhar stess, ma kien ikun hemm siwi ta' xejn għal arranġament bħal dan, u żgur li d-disposizzjonijiet tal-proviso għas-subartikolu (2) tal-artikolu 109 tal-Kap 12 kienu jkunu mingħajr siwi;*

*Illi kif qalet din il-Qorti (diversament preseduta) fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Marzu, 1995, fil-kawża fl-ismijiet Onorevoli Prim Ministru vs Emmanuel Camilleri [Ċitazz. 1253/94AM], imsemmija mill-intimat u li kopja tagħha ġiet mehmuża ma' Nota fl-atti ta' dan ir-Rikors, "…lanqas ma jista jingħad li effettivament hemm disposizzjoni fil-Kodiċi li tirregola l-presentata ta' atti*

*ġudizzjarji barra l-ħinijiet legali fil-ġranet tax-xogħol, u konsegwentement, la ma hemmx regolamentazzjoni tal-proċedura multa magis ma tistax tkun kontemplata xi nullita' f'każ ta' irregolarita".*"

**7.** Il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dawn iż-żewġ posizzjonijiet kontrastanti fuq il-punt in eżami. Din il-Qorti tħoss, li l-posizzjoni kif spjegata fid-digriet ta' **Emilio Persiano** għandha kemm mis-sens ta' dak li hu sewwa u raġjonevoli, kif ukoll interpretazzjoni korretta tal-liġi. Din il-posizzjoni ma tbiddel xejn minn dak li jiddisponi l-artiklu 104 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artiklu irid jinqara fid-dawl ta' dak li tipprovdi l-proviso tal-artikolu 109. Meta l-Qorti tagħti ***ordni speċjali*** *(kliem il-liġi)* biex jinfetaħ ir-reġistru mill-ġdid, wara li jkun għalaq fil-ħinijiet normali, ai fini tal-artikolu 104 ma għandux jitqies li huwa magħluq, sakemm it-talba tal-ftuħ issir fl-istess ġurnata tat-terminu ta' żmien, konvenzjonali jew legali. Huwa għalhekk li l-liġi tirreferi għal din l-ordni bħala waħda speċjali għaliex propju r-Reġistru jkun reġa' infetaħ barra l-ħinijiet normali fl-istess jum, basta ma jkunx qabeż nofs il-lejl. Dan l-artikolu saħansitra jagħmel riserva għal sitwazzjonijiet fejn espressament jingħad xorta oħra. F'dan ir-rigward, ma hemmx dubbju, li fost l-istanzi li jingħad espressament xorta oħra insibu l-proviso tal-artikolu 109(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**8.** Il-Qorti tkompli issaħħaħ il-fehma tagħha dwar din il-posizzjoni, anke minn eżami tad-dokumenti esebiti. L-ittra uffiċjali tat-30 ta' Ottubru

2018 għandha żewġ timbri: wieħed tal-presentata li jġib l-istess data u ieħor bid-data tal-31 ta' Ottubru 2018 li fuqu hemm imniżżel il-kelma "Paid". Dan ta' l-aħħar jindika biss meta daħal il-ħlas fir-Reġistru formalment. Fil-waqt li l-ewwel timbru jimmarka l-preżentata tal-att fir-Reġistru, dak tat-tieni jindika biss l-entrata tal-ħlas ai fini ta' amministrazzjoni. Dan jista' jingħad ukoll għar-rikors tal-ftuħ tal-Qorti (ara a' fol 42). Di fatti meta xehdet Dr. Yvette Tonna Borg din qalet: *"Jiġifieri laqgħet it-talba on the 30th of October u l-ittra uffiċjali kienet ukoll imbagħad presentata 30th October"* (ara a' fol 48). Għalhekk din il-Qorti temmen li la darba l-Qorti ppermettiet li jinfetaħ ir-reġistru ai fini ta' presentata ta' atti, il-vot tal-liġi f'artikolu 104 ġie osservat.

**Decide**

Għaldaqstant il-Qorti qegħdha għar-raġunijiet fuq imsemmija taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-Soċjeta' Konvenuta.

Għalhekk il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-Kawża.

Spejjes a' karigu tas-Soċjeta' Konvenuta.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**